**KUNSILL LOKALI NADUR**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur

## DISA' (9) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Tmienja u Għoxrin (28)

## It-Tlieta, 6 t' April 2021

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' *Online* (Għawdex), fil-4:30pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Joseph Vella | Kunsillier |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |
| Josef Camilleri | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Owen Buġeja | Ambaxxatur taż-Żgħazagħ |

**MINUTI**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

Is-Sindku beda billi ta tislima lil Ex-Kunsillier Joseph Zerafa li ħallina ftit tal-granet ilu. Hu ippropona ukoll li jingħata tifkira lil familjari tiegħu mingħand il-Kunsill tan-Nadur. Il-Kunsillier Jean Paul issuggerixxa li din tingħata f'Jum il-Kunsill. Kien hemm qbil u li l-attivita' ta' Jum il-Kunsill tissemma għal memorja ta' Joe Zerafa.

**28.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

L-Ambaxxatur taż-Zgħazagħ ma setax jattendi minħabba impenji oħra.

**28.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti u Skeda tal-Pagamenti.**

Il-Minuti tal-Ħamsa u għoxrin (25) il-laqgħa tat-22 ta' Frar 2021, Il-Minuti tas-Sitta u għoxrin (26) il-laqgħa tat-2 ta' Marzu 2021 u Il-Minuti tas-Sebgħa u għoxrin (27) tal-15 ta' Marzu 2021 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċjali. Dawn kienu ntbagħtu lil Kunsilliera bil-quddiem għall-kunsiderazzjoni tagħhom. Filwaqt li dawn ġew approvati unanimament, l-iskeda tal-pagamenti numru 26 ġiet iffirmata mis-Sindku, Segretarju Eżekuttiv, Proponent:-Joseph Vella u Sekondant:-Jean Paul Portelli.

**28.3. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;**

Is-Sindku ta' l-aħħar żviluppi dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u l-kontijiet tal-bank.

Fl-Account tal-Kunsill daħlet l-Allokazzjoni bl-ammont ta' 130k.

**Varjazzjonijiet fuq it-Toroq Rurali u PPP:** Il-Kunsill ser joħrog pagament ta' 15K f'Gunju fuq it-toroq tal-PPP u 50k aktar tard din is-sena fuq il-Varjazzjonijiet.

**Rural Roads Co-Financing**: L-Kunsill ġie mitlub biex jitlob rapport mingħand ARPA biex il-board tal-Co Financing jitkellem fuqu. Is-Segretarja bgħatet lil ARPA fuq dan. Il-Kunsill għadu bla risposta fuq kemm ser nieħdu.

L-Kunsill faddalu jirċievi 5K mingħand MGOZ fuq tizjien tad-dawl tal-Milied u l-LAs tal-WSC.

**Membership Fee Charter u Eden**- Kien hemm qbil li dawn it-tnejn bl-ammont ta' 400 euro kull wieħed jitħallsu bhas soltu.

Kien hemm xi kontijiet li daħlu fl-aħħar ġurnata, u dawn ġew spjegati lil Kunsilliera u aċċettati sabiex jidħlu fl-iskeda. Kien hemm qbil unanimu fuq l-iskedi ppreżentati u dawn ġew iffirmati.

**28.4 Komunikazzjoni mis-Sindku, Mistoqsijiet u Żviluppi mill-Kunsilliera.**

***Is-Sindku ppreżenta dawn l-iżviluppi:***

***28.4.1 Talba għal passaġġ fil-bajja ta' San Blas***- Kien hemm diskussjoni fit-tul fuq din l-item peress li hemm xi individwi li qed jgħidu li hemm il-propjeta tagħhom mingħajr ma urew l-ebda dokumenti fejn juri dan. Kien hemm xi suġġerimenti mingħand il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri u l-Kunsillier Joseph Vella biex jingabru firem mingħand l-individwi konċernati. Is-Sindku għamel remarka li hu kontra dan peress li m'hemm xejn bil-miktub u l-Kunsill jiġi li m'għandu l-ebda saħħa aktar. Kien hemm qbil li l-Kunsill jistenna l-approval minn naħa tad-DLG u kif ukoll l-clearance mingħand l-Awtoritajiet tal-Artijiet u nimxu minn hemm. Is-Sindku ser jinforma lil Kunsilliera malli nirċievu xi ħaga.

***28.4.2 Lapida fi Triq Xandriku-***Din ġiet ordnata u anke il-Kotba tal-fotografija.

***28.4.3- Bozza Ġdida fi Triq ir-Ramla*** – Din twahlet.

***28.4.4- Bin ġdid fi Triq San Gakbu***- Dan lest.

***28.4.5- Ħitan tas-Sejjieħ fi Triq ix-Xemmiex-*** Dawn lesti.

***28.4.6- Tappiera fi Triq tad-Duru-*** Din lesta.

***28.4.7-Patching taht rampa fi Triq Dun Gwann Camilleri-*** Din lesta.

***28.4.8-Sement taht bankina u rampa fi Triq ta' Said u Triq San Blas-*** Dawn lesti.

***28.4.9- Ħajt tas-Sejjieħ fi Triq il-Qortin-*** Dan lest.

***28.4.10- Mera fi Triq il-Qala-*** Din lesta.

***28.4.11- Ħajt mwaqqa fi Triq il-Bordin biex jinbena-*** Din lesta.

***28.4.12- Sement quddiem dar minhabba l-ilma tax-xita fi Triq San Blas-*** Dan lest.

***28.4.13- Work exposure scheme tal-Job plus –*** Is-Sindku innota li hemm student interessat Kevin Curmi biex jaħdem *work exposure* mal-Kunsill tan-Nadur u jitħallas minn naħa tal-Job Plus. Kien hemm qbil fuq dan.

**28.4.14 *Pendenti*** – Zebgħa fil-bollards tal-Playing Field ta' San Blas, Patching fi Triq il-Madonna ta' Fatima, Sement fi Triq ta' kenuna, Trab fil Partita ta' San Blas, Sement fi Triq tax-Xini, Patch fi Triq Ħida, bankina tal-Kazin tal-futbol, Sement fi Triq Wied ir-Rihan, Bankina biex titranġa fi Triq Lourdes u bankina ġdida fi Triq San Blas.

**28.4.15 *Żviluppi dwar Talbiet minn Eucharist Camilleri***:

- Rigward is-sistema tal-Panelli fi Triq Inzul il-Franċizi-Il-kunsill issa qed jistenna mingħand l-Enemalta biex jinbeda x-xogħol.
- Bankina fi Triq Dun Guzepp Vella- Ġie ordnat l-madum bis-sistema tal-*customer Care.*
- Ħajt Daħlet Qorrot- Dan lest
- Tappiera biex titranġa fi Triq Ħanaq c/w Ħida- Sar reminder peress li triq Arterjali.
- Rampa fil-Wied Bingema- Din lesta
- Bankina biex titranġa fi Triq San Guzepp- Din lesta.

Pendenti: Patch fi Triq il-Knisja u Fanal fi Triq San Koronatu.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**28.4.16 *Żviluppi dwar Talbiet minn Jean Paul Portelli:***

- Patching fi Triq DC Cocco Palmeri- Dan lest
- Sement taht bankina fi Triq Sant Indrija- Din lesta.
- Pendenti: Il-Gibjun tal-Pjazza biex niċċekjaw jaħdimx, Passaġġ bit-torba tax-Xini.

**28.4.17 *Żviluppi dwar Talbiet minn Joseph Vella*:**

Pendenti- tabella biex timxi l fuq fi triq San Koronatu.

**28.4.18 *Żviluppi dwar Talbiet minn Josef Camilleri*:**

Pendenti: Sement fi Sqaq tad-Duru- Dan ser isir il quddiem.

**28.5. Korrispondenza;**

| | |
|---|---|
| 6795 | E mail minghand Ministry for the Env. Climate change and planning rigward Saving Our Blue - Marine Litter Campaign |
| 6796 | E mail minghand Dipartiment għal Gvern Lokali dwar Student Placement Programme 2021 |
| 6797 | Cir AKL 2021/032 AKL Webinar - Infrastructure - The future of our localities 15/04/2021 |
| 6798 | Cir AKL 2021/031 Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu 43 |
| 6799 | Cir AKL 2021/024 Online Team Building Event 03/04/2021 |
| 6800 | Case 81/2021: Maintenance Agreement tal-PC/Laptop għar-Residenti |
| 6801 | Cir AKL 2021/028 Understanding Dementia Mentor Aid Session 14/04/2021 |
| 6802 | Cir AKL 2021/020 AKL Webinar - Supporting Children & Youths within our localities 25/03/2021 |
| 6803 | Cir AKL 2021/027 Spazji fil-lokalita' għall-installazzjoni ta' charging pillars |
| 6804 | Għaqda Presepji dwar kollaborazzjoni ta' Booklet Nadur, Drawwiet, Arti u Kultura |

| | |
|---|---|
| 6805 | Ittra mingħand *Friends of the Sacred Heart of Jesus church in Nadur u the Conservator / Restorer Amy Sciberras dwar kollaborazzjoni* |
| 6806 | Re SPI.SCI.3.2021- Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021 |
| 6807 | Re SPI.SCI.2.2021.Finanzjament għal żvillup u titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex |
| 6808 | Direttiva 1-2021- Proċedura ġdida dwar l-Ingaġġ ta' Segretarju Ezekuttiv |
| 6809 | Nomini - Presidenti Kunsilli Skolastici |
| 6810 | Laqgħa dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart |
| 6811 | Skema-Fondi - Proġetti fil-komunitajiet-LESA |
| 6812 | Gwida dwar Akkwist bil-valur stmat ta' anqas minn €5,000 (VAT Eskluż) minghand id-DLG |
| 6813 | Stocktake tas-sistemi tal-informatika fil-Kunsilli Lokali |
| 6814 | It-Tieni Fażi - Konnessjonijiet diġitali tad-data ġodda pprovduti mill-MITA |
| 6815 | SPI.SCI.2.2021.Finanzjament għal żvillup u titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex |
| 6816 | Cir AKL 2021/019 Webinar AKL - Better Local Environment for Better Living 10/03/2021 |
| 6817 | Cir AKL 2021/023 UKNSF |
| 6818 | Kjarifika - Emenda 13.3 - Corona Virus u Direttiva 13.3 Corona Virus |
| 6819 | E mail minghand ir-Regjun rigward Laqgħa mal-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, l-Onor. Dr Aaron Farruġia nhar il-Ġimgħa, 9 ta' April, 2021 |
| 6820 | Cir AKL 2021/022 Preżentazzjoni Zoono - Webinar Indafa Pubblika |
| 6821 | Cir AKL 2021/021 Sessjonijiet ta' taħriġ organizzati mill-AKL |
| 6822 | Risposta mingħand Daniel Meilak rigward ktieb Dun Martin Camilleri |

***Rimarki oħra:- -***

***Tinda tal-Boċċi ta' San Blas-*** DNO ġiet approvata u għalissa nieqfu hemm.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**Disabled ramp fil-bajja ta' Daħlet Qorrot-** Il-Perit bgħat e mail fuqha. Milli jidher hemm ħafna komplikazzjonijiet fosthom il-bzonn ta' rampa kbira ħafna li jitnaqqas l-aċċess għal bajja. Il-Kunsill għalissa mhux ser jagħmel dan il-proġett.

**Talba oħra għal Kollaborazzjoni fuq il-Ktieb ta' Dun Martin**-Is-Sindku ippropona li l-Kunsill jikkollabora bl-ammont ta' 500 euro kontra *invoice.* Issekonda Joseph Camilleri u kien hemm qbil bejn il-membri kollha.

**Charging Pillars**- Il-Kunsilliera idduskutaw postijeit fejn jistgħu jsiru charging pillars peress li kien hemm korrispondenza fuqhom. Postijiet li jistgħu jsiru huma:- Ħdejn il-Ġnien ta' San Blas, Ħdejn il-playing Field tal-Ħali, Il-Belveder DC Cooco Palmeri u forsi fl-area tad-Duru. Gie deciz li s-Sindku jara fejn l-ahjar u jimxi minn hemm, sabiex noholqu l-anqas inkonvenjent.

**Update mill-Laqgħa mas-Supretendent tal-Pulizija**- Il-Kunsill ġie informat li l-għassa tan-nadur mhux ser tibqa tinfetaħ izda ser ikun hemm Community Police u patrol madwar ir-raħal u jkunu b'kuntatt mal-Kunsill.

**Update CCTVs tal-Bring in sites li hemm madwar ir-raħal (Triq it-Tigrija, Area San Blas u Area tal-Ħali)-** Is-Sindku innota li kellu laqgħa mal-Green Pak rigward is-sistema l-ġdida ta' CCTV li ser tkun diretta għand il-LESA u jinħargu ċitazzjoni minn naħa tagħom għal min jabuzza. Ser jiġi installat dawl minn naħa tal-Kunsill ħdejn il-bring in sites. Il-kunsill ser ikun javza lil residenti permess ta' ittra b'dan biex informati.

**Talba għal Kollaborazzjoni mingħand Il-Knisja ta' Qalb ta' Gesu fuq *scaffolding* għal restawr**. Kien hemm qbil li l-Kunsill jikkollabora fis-*scaffolding/armar* kontra *invoice* bl-ammont ta' 500 euro għal komunita' tan-Nadur kull sena għal tlett snin b'total ta' 1,500 euro.

**Talba ta' *no objection* dwar attivita' ta' *waterpolo* fil-bajja ta' Daħlet Qorrot**. Il-Kunsill ma jsib l-ebda problema dejjem jekk jinfetħu r-regoli tal-COVID-19.

**Talba għal kollaborazzjoni mingħand l-Għaqda tal-Presepji għal fuljett**- Kien hemm qbil fuq din li ga ġiet diskussa f'laqgħa tal-passat.

**Saving our Blue Campaign**- Is-Sindku u l-Kunsillier Jean Paul ser jattendu laqgħa magħhom fuqha.

**Student Placement Programme (MITA)-** Is-Segretarja ser igib aktar dettalji fuqha.

**Nomini ta' Presidenti tal-Kunsilli Skolastici**- Is-Sindku tkellem ma' ċertu persuni izda ma kienx hemm interess.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

**28.6. Skemi;**

**SPI/SCI/2/2021- Skema Għall-żvillup u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex maħruġa minn naħa tad-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy-** Din l-iskema kienet ġiet diskussa fil-laqgħa no. 27 u ġie spjegat il-proġett kollu. Is-Sindku innota li jekk l-applikazzjoni tal-Kunsill tan-Nadur tingħata u tiġi approvata l-Kunsill jirċievi 85% tal-proġett u 15% jinħargu mill-allokazzjoni tal-Kunsill Lokali. Kien hemm qbil fuq dan l-ammont u allura s-Segretarja ser tmexxi l-applikazzjoni.

**Skema Reġjonali –Ambjent 2021-** Is-Sindku ġabar stimi għal latrina ta' Daħlet Qorrot u l-Latrina ta' Triq it-Tramuntana izda dawn ser jiġu diskussi aktar il quddiem.

**Skema Reġjonali –Kultura Għawdex 2021-** Din tiġi diskussa aktar l quddiem għal wine festival.

**Skema Għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021 maħruġa minn naħa tad-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy** – Din l-iskema saret u intbgħatet.

**Skema *Restoration Works Scheme for Gozitan Local Councils 2020*- ECO Gozo-MGOZ-** Il-Kunsill ħareġ din l-offerta.

***Skema Outdoor gym Assistance for Gozitan Local Councils 2020*- ECO Gozo-MGOZ**- Il-Kunsill ser joħrog kwotazzjoni.

**SPI.SCI.8.2020. Espressjoni ta' Interess- Il-Belt jew Raħal Kulturali tas-sena 2022 maħruġa minn naħa tad-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni tal' policy**- Din l-iskema kienet ġiet diskussa fil-laqgħa no. 23 biex il-kumitat tal-working group jkun jista jibda jaħdem fuq l-applikazzjoni. Dakinhar kien ġie spjegat draft tal-programm fit-tul mill-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri u kien hemm qbil fuqu. Total ta' spejjez stmat fuq dan il-programm ilaħħaq madwar 262,477K euro u l-Kunsill irid joħrog 10% u l-iskema se tasal sa massimu ta' €200,000. Ir-Regjun ta' Għawdex kiteb formalment li ser joħrog massimu ta' €50,000 lil min jirbah din l-iskema allura d-differenza ta' madwar 12,000 euro toħrog mill-allokazzjoni tal-Kunsill Lokali. Kien hemm qbil fuq dan l-ammont u allura s-Segretarja ser tmexxi l-applikazzjoni.

**Skema LESA-** Il-Kunsill ser japplika fuq l-Latrina l-ġdida ta' San Blas. Kien hemm qbil fuqha.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**28.7. Offerti Pubblici**

**28.7.1. Offerta tal-ġbir ta' l-iskart** – Is-Segretarja tat update rigward laqgħa li kellha fuq il-kuntratt taz-zibel li ser ikun flimkien mal-Kunsilli u jinħareg minn naħa tar-Reġjun fis-sena 2023. Is-Segretarja innotat li l-Kunsill ħareġ l-offerta ta' l-iskart u sadanitant l-Kunsill irċieva e-mail mingħand id-DLG li nistgħu inġġeddu l-offerta eżistenti dejjem jekk jaqbel il-Kuntrattur. Is-Segretarja tkellmit mal-Kuntrattur u dan lest iġġedded biss jekk inżidu l-prezz. Is-Segretarja informat b'dan lid-DLG u ġiet informata li ma jistax jiġġedded b'dan il-mod u allura ser nistennew l-offerta l-ġdida li ħareġ il-Kunsill. Is-Segretarja innotat li KIP ġibdu l-attenzjoni li kienu qed jgħatuna kontijiet bi prezz inqas milli hemm fil-kuntratt. Kien hemm qbil li dawn jitħallsu.

**28.7.2. Kwotazzjoni Restawr**- Il-Kunsill ħareġ il-Kwotazzjoni fuqha.

**28.8. Attivitajiet, Inizzjattivi u Ħidma Socjali**

**26.8.1. L-Għid**- It-Tiżjin tal-Ġimgħa Kbira mas-Salib u l-fjakkoli fil-Pjazza kienu ta' suċċess kbir u kien hemm atmosfera sabiħa ħafna. Is-Sindku irringrazzja lil voluntiera, lil Artist James Azzopardi u l-Kunsillier Jean Paul Portelli.

**26.8.2. Dawl mat-Torri ta' Kenuna f'*Saint Patricks Day*** – Dan id-dawl ħareġ ħafna sabih u kien hemm ħafna kummenti sbieħ fuqu. Is-Sindku irringrazzja lil Kunsillier Jean Paul Portelli tal-idea.

**26.8.3. Kollaborazzjoni ma' FKNK**: Is-Segretarja qrat il-korrispondenza tagħhom. Il-Kunsillier Jean Paul Portelli ser jerġgħa jitkellem magħhom.

**26.8.4. Karnival – Fondazzjoni** – Din għada ma bdietx.

**26.8.6. Activities Restructuring Team-** Dawn għadhom ma bdewx jiltaqgħu.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**26.8.7. Earth Day**- Il-Kunsillier Jean Paul Portelli issuġġerixxa li jsir clean up u kein hem qbil li nixgħelu t-torri ta' Kenuna. Is-Sindku issuġġerixxa li ninvolvu t-tfal ta' year 4 u 5 fil-clean up u ngħatu maskla tad-drapp lil parteċipanti miktub fuqha *Earth Day* 2021. Kien hemm qbil.

**28.8.8. Mothers Day-** Il-Kunsillier Joseph Vella issuġġerixxa li isir qalb fil-Pjazza bil-ward. Kien hemm qbil fuq dan.

**28.8.9. Jum il-Paroċċa - 28 ta' April**- Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri issuġġerixxa li jsiru xemgħa għal din l-attivita'. Kien hemm qbil fuqha din u ser naraw jekk tistax isir bix-xemgħa jew fjakolli.

**28.8.10. Earth Day - 22 ta' April**- Il-kunsillier Jean Paul Portelli issuġġerixxa li titħawwal sigra. Kien hemm qbil li jitħawwlu sigar.

**28.9. Proġetti u Xogħolijiet Oħra.**

**28.9.1 Triq ta' Kenuna-** Is-Sindku spjega fid-dettal l-aħħar zviluppi fuq dan il-proġett. Il-bankina tkompliet u l-gutters lesti u daqt jibdew bit-tarmak.

**28.9.2 Triq Daħlet Qorrot-** Il-Ħitan tas-sejjieħ miexi x-xogħol fuqhom minn naħa tal-MGOZ.

**28.9.3 Triq ir-Ramla l-Qadima-** Bħalissa l-Kuntrattur mhux jaħdem hemm u għadna ma nafux data meta ser jitkompla x-xogħol minn naħa tal-Kuntrattur. Is-Segretarja ser terġgħa tagħmel kuntatt mal-kuntrattur.

**28.9.4 Cameras Ġnien il-Kunsill-** Dawn għadhom pendenti.

**26.9.5 Belvedere fi Triq ir-Ramla l-Qadima-** Il-Kunsill qed jistenna mingħand il-Perit.

**28.9.6 Green Wall ta' Xhajma**: Dan ser naħdmu fuq dan il-progett aktar il quddiem.

**26.9.7 Pjanċi fil-Ġnien ta' Kenuna** – Dawn lesti u ser inwaħħlu daqt.

**26.9.8 Dawl fis-soft area ta' Triq it-Tramuntana-** Is-Sindku innota li tkellemu ma' Enemalta u D Illumination kif ser jgħaddu d-dawl.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**28.9.9 Muxa fi Triq San Gwann** – Irid isir survey.

**28.9.10. Ir-Railings ta' Triq ir-Rabat –** Il-Kunsill għadu jistenna minn naha tal-MGOZ rigward dawn peress li qedin f'Triq Arterjali.

**28.9.11. Zebgħa u bullards fi Triq Arc. Saver Cassar u Pjanti-** Dawn għadhom ma sarux.

**28.9.12. Bolavostri quddiem il-monument tal-Gwerra u dawl fi Triq it-Tigrija**- Il-Bolavostri huma ordnati.

**28.9.13. Sqaq fi Triq San Blas**- Stima waslet tal-imprint u ġiet madwar 30k. Naraw il quddiem fuqha.

**28.9.14. Il-Festun tal-fiss fil-Pjazzetta-** D Illumination qed jara fuqha.

**28.9.15.Tabelli Merħba** – Għadhom ma sarux.

**28.9.16. Belvedere Triq Duru** – D Illumination għadu jmur jara fuq il-post fuq liema dawl l-aħjar isir.

**28.9.17. In-nizla tal-Bajja ta' San Blas** – Il-Ħaddid sejjer jara fuq il-post x'hemm bzonn isir.

**28.9.18. Problema ta' ġta' em fil-ġnien ta' Kenuna**- Is-Segretarja ser tkellem lid-Departiment tas-Sanita.

**28.9.18. Dog Park-** Is-Sindku issuġġerixxa li jitranġa dan id-dog park minn naħa tal-Kunsill flimkien mal-MGOZ.

**28.10.Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku.**

**28.10.1.Rikjesti mis-Sindku:**

- Talba għal rampa tas-sement biex ikun hemm aċċess għal bdiewa ta' Triq Xurdin. Kien hemm qbil.
- Talba biex nirrangaw parti minn Triq it-Tramuntana bis-sement. Kien hemm qbil.
- Talba biex isiru pjanti fil-Pjazza quddiem djar minhabba l-ħwienet. Kien hemm qbil.
- Talba għal rampa f' Wied Bingemma biex ikun hemm aċċess fuq il-gibjuni. Kien hemm qbil.
- Talba biex jitranga passaġġ fi Triq ta' Daħlet Qorrot. Kien hemm qbil.
- Talba biex jitranga ħajt tas-sejjieħ fi Triq ir-Ramla l-qadima. Kien hemm qbil.
- Talba biex titranga bankina fi Triq il-Kappillan. Kien hemm qbil.
- Talba għal sement taht bankina fi Triq il-Kapillan. Kien hemm qbil.
- Talba għal crane minħabba arblu. Kien hemm qbil.
- Talba għal bdil ta' bin imkisser fil-Gebel l-Aħmar. Kien hemm qbil.
- Talba għal mera fi Triq tat-Tarġa. Kien hemm qbil.
- Talba biex titranġa rampa fi Triq Xurdin. Kien hemm qbil.

**28.10.2 Rikjesti mill-Viċi Sindku:**

- Talba għal bankina ġdida fi Triq tax-Xini. Kien hemm qbil.
- Talba għal bdil ta'madum fi Triq Xandriku. Kien hemm qbil.Talba għal ħitan fi Triq Ħida c/w Triq il-Pler u Triq ir-Ramla l-Qadima. Minħabba l-ħajt ta' Hida/Plier ser naraw b'stima u fuq Triq ir-Ramla ser naraw fuqha l-ewwel.
- Talba għal rampa biex titranga fi Triq tad-Duru. Kien hemm qbil.
- Talba biex jinqata ħaxix fi San Blas. Kien hemm qbil.

**28.10.3 Rikjesti mingħand Joseph Vella:**

- Talba biex titħarek bus stop fi Triq il-Knisja. Is-Segretarja ser titkellem ma' TM.
- Talba għal bozza ġdida fi Triq Telegraph ma' Triq Tarġa. Ser naraw hemmx xi hadd lest li teħħel ma tiegħu inkella problema.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**28.10.4. Rikjesti mingħand Jean Paul Portelli:**

- Talba għal Double yellow line biex jerġgħa jsir fi Triq l-Emigranti. Kien hemm qbil.

**28.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa spiċċat fit-8:30p.m. Il-Kunsill kollu qabel li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta 4 ta'Mejju fl-4:30pm.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva